**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Joseph Pace**

Numru: 23/2003

Illum 27 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Pace,** ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Joseph u Beatrice nee' Xuereb, imwieled Xewkija, Ghawdex fil-14 ta' Jannar 1952 u joqghod 34, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 8652(G), akkuzat talli fl-10 ta' Gunju 2003 ghall-habta tas-7:00 ta' filghaxija u dana fl-ghalqa maghrufa bhala tal-Gruwa, limiti ta' Sannat, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' John Pace mix-Xewkija, Ghawdex, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50), izda ma teccedix l-hames mitt lira Maltin (Lm500), ai

termini tal-artikolu 325(b) tal-Kodoci Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna, jew jgibilha disordni f'mohhha, u cioe' kkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta' John Pace mix-Xewkija, Ghawdex, skond kif iccertifika t-Tabib T.G. Farrugia Vella MD, mill-Isptar Generali ta' Ghawdex, ai termini tal-Artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ghall-habta tal-09:45p.m. fix-Xewkija volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;.

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Awwissu 2003;

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(b), 214, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kundizzjonata;

Finalment il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b'garanzija personali fil-konfront ta' John Pace taht penali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**